MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Appell Civili Numru. 191/1993/2

**Kontrollur tad-Dwana**

**vs**

**Joseph Cassar bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà A & J Enterprises Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta illi l-konvenut nomine importa merkanzija li tikkonsisti

f'*refrigerators, refrigerating machines* u *ice-cream machines* minn Napli permezz ta' l-*Espresso Venezia*, fit-3 ta' Marzu, 1989; illi hemm dovut fuq din il-merkanzija dazju ta' sitt elef, sitt mija u disgha u disghin lira Maltija erbghin centezmu (Lm6699.40) skond *post entry form* tat-28 ta' April 1989 u li qed tigi annessa u markata Dok 'A'; illi ghalkemm interpellat, il-konvenut nomine ghadu ma hallasx id-dazju dovut liema ammont hu cert, likwidu u li ghalaq u ghat-talba ta' l-attur il-konvenut nomine m'ghandux eccezzjonijiet xi jgib ghat-talba li qed issirlu; talab ghaliex dik l-Qorti m'ghandhiex: 1. tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tal-attur u dan bid-dispensa tas-smigh kif hemm mahsub fl-artikolu 167 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Cvili, a tenur tad-dikjarazzjoni tal-attur; 2. tikkonferma l-ammont dovut ta' sitt elef, sitt mija u disgha u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm6699.40) skond il-*post entry form* tat-28 t' April 1989; 3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas is-somma ta' sitt elef, sitt mija u disgha u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm6699.40) hawn fuq imsemmija dovuta bhala dazju fuq merkanzija impurtata minnu nomine; bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' April, 1991, kontra l-konvenut nomine li hi ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza tad-disgha (9) ta' Marzu, 1993 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet ta' l-attur kif dedotti fic-citazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine;

Rat is-sentenza moghtija fil-hmistax (15) ta' Dicembru, 1995 illi permezz taghha dina l-Qorti ddecidiet hekk:
"… tiddikjara s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta' Marzu, 1993, bhala nulla u bla effett fil-ligi, inkwantu nghatat fil-kontumacja tal-appellant [il-konvenut] nomine meta huwa ma kienx hekk kontumaci. Tirrimetti l-atti lill-Ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni biex tigi trattata bil-procedura ordinarja wara li dik il-Qorti tkun akkordat lill-

istess konvenut nomine t-terminu preskritt biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu u jikkontesta t-talba fil-mertu."

u ordnat illi l-ispejjez ta' l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
1. Il-preskrizzjoni ta' senternzi (*sic*) ghat-tenur tal-artikolu 2149 (e) tal-Kodici Civili;
2. L-oggetti importati mill-konvenut ma kienux dazzjabbli skond il-ligi;
3. Il-*post entry* mahruga mid-dwana kienet nulla u inattendibbili ghaliex ma saritx skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut nomine u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru, 1999 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:
"… prevja li tichad l-ewwl eccezzjoni tal-konvenut spejjez ghall-konvenut, tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur."

u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"**Preskrizzjoni**

"Il-kawza hi dwar hlas ta' *post entry duty* datata 28 ta' April, 1989.

"Il-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur ta' l-artikolu 2149(e) dwar l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta ghal hlas ta' drittijiet gudizzjarji, dazji jew taxxi ohra.

"L-attur qed jissottometti li s-sentejn jibdew minn meta d-dazju jkun gie likwidat u sar dovut. Dan jibda mal interpellazzjoni ghall hlas cioè meta tintbaghat il-*post entry form* f'dan il-kaz fit-28 ta' April, 1989, u ghalhekk is-sentejn jiskadu fit-28 ta' April, 1991. L-ittra ufficjali biex tinterpella lill-konvenut ghal hlas kienet fit-3 ta' April, 1991, saret zieda ghan-notifika fit-23 ta' April, 1991, u giet

notifikata fit-30 ta' April, 1991. Ai termini tal-artikolu 2130(1) tal-Kap 16 biex att gudizzjarju jinterrompi l-preskrizzjoni l-att irid ikun gie prezentat f'xi mument qabel tiskadi l-preskrizzjoni, izda notifikat fi zmien xahar minn meta l-preskrizzjoni taghlaq. Fil-kaz in ezami n-notifika saret fit-30 ta' April, 1991, meta kien fadal zmien sas-27 ta' Mejju, 1991 biex taghlaq il-preskrizzjoni. Ghalhekk skond l-attur l-azzjoni mhiex preskritta.

"Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li kwalsiasi dazju li jista jkun dovut fuq importazzjoni isir dovut mal-importazzjoni, cjoè fil-mument li jigi mpurtat f'Malta oggett dazzjabbli, ghalhekk il-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta jkun dovut il-hlas tad-dazju, indipendentement mit-talba ghal-hlas tal-Kontrollur tad-Dwana u mill-istima li tkun saret mill-ufficjali tad-dwana. Id-dazju hu dovut fil-mument ta' l-importazzjoni. Il-*post entry* tikkjarifika biss r-rata tad-dazju dovut. Ghalhekk il-konvenut isostni li l-azzjoni hija preskritta billi mid-data tal-importazzjoni 3 ta' Marzu, 1989 sa meta saret l-ittra ufficjali ghaddew is-sentejn.

"Il-kwistjoni ghalhekk hija jekk it-terminu jibdiex jiddekorri minn meta dahlet il-merkanzija cioè fit-3 ta' Marzu, 1989 jew minn meta harget il-post entry form fit-28 ta' April, 1989.

"Skond l-artikolu 2137 tal-Kap 16: "*il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata …*"

"Illi meta l-konvenut importa l-oggetti in kwistjoni u ddikjara li l-oggetti kienu ghall *industrial use* dawn gew rilaxxjati ghax ma kienux dazzjabbli. Meta l-merkanzija giet spezzjonata l-Kontrollur ippretenda li dawn l-oggetti ma kienux kollha ghall *industrial use* kif dikjarat u ghalhekk sostna li kienu dazzjabbli. Inharget *post entry form* b'indikazzjoni tad-dazju li kellu jithallas. Meta l-merkanzija dahlet Malta ma kien hemm ebda dazju dovut. Kien biss meta l-Kontrollur hareg il-*post entry* li d-dazju beda jsir dovut. Ghalhekk kien biss minn meta saret il-*claim* ghad-dazju bil-*post entry* li setgha jibda jiddekorri l-

perijodu preskrittiv ghax qabel ma kien hemm ebda dazju dovut.

“Il-perijodu preskrittiv beda mit-28 ta’ April, 1989, konsegwentement, kif issottemtta l-attur, l-azzjoni mhiex preskritta billi giet prezentata l-ittra ufficjali fit-terminu.

“**Mertu**

“Il-konvenut qed jippretendi li l-oggetti li huwa importa kienu ghal *industrial use*, u specifikatament ghall industrija tat-turizmu billi hu ghandu *catering establishment*. Hu xehed li jipproduci l-*ice cream*, u jbieghu mill-istess hanut. Jimpurta direttament il-materja prima ghal gelati u jahdmuha huma.

“Patrick Azzopardi, l-ufficjal tad-Dwana li ghamel l-*inspection* fuq il-post ma l-ufficjal l-iehor, Mario Ciantar, xehed li ghalkemm l-*items* gew dikjarati *for industrial purpose* però meta marru fuq il-post sabu li l-post kien *retail outlet*, biex ibiegh direttament lill-konsumatur.

“Meta l-art 33 tal-Kap 337 jitkellem dwar ‘produzzjoni industrijali’ il-legislatur ried ifisser manifattura ta’ prodotti fuq skala kbira permezz ta’ process organizzat u ripetittiv. Minn naha l-ohra restaurant u cafeteria joffru servizz direttament lill-konsumatur u mhux industrija jew attività industrijali. L-iskop principali ta’ l-istabiliment tal-konvenut mhux li jahdem u jipproduci gelati imma li joffri servizzi ta’ ikel u xorb f’post ta’ divertiment f’Bugibba.

“Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li l-oggetti impurtati ma kienux intizi ghal produzzjoni industrijali kif hemm mahsub fl-artikolu 33 tal-Kap 337.

“Il-konvenut qed jippretendi li anke jekk l-oggetti impurtati ma kienux ghal *industrial use*, huma kienu ezenti mid-dazju taht Sec 5 sub section 3 tal 2nd Schedule tal Kap 337 (ara fol. 120 u 121) *Equipment for use in Hotels and Catering Establishments*, fejn jissemma li “*the articles enumerated in the following list may be imported free of import duty* … u hemm imsemmi … *Counter units (a)*

*incorporating ice-cream making machines, ice-cream conservators, grills, heating equipment, cooling equipment, motors or compressors*”. Il-konvenut xehed li l-istabiliment tieghu hu *approved catering establishment* u li Joseph Scicluna kien kiteb (ara fol. 117) fejn iddikjara li d-Dipartiment ma sab ebda oggezzjoni li dawn l-affarijiet jigu impurtati bla dazju. L-oggetti impurtati kienu fil-fatt l-istess li dwarhom saret it-talba in kwistjoni.

“L-attur qed jikkontendi li parti mill-oggetti li gew impurtati kienu dazzjabbli. Patrick Azzopardi xehed li xi *items* impurtati kienu *furniture* u affarijiet ohra kienu *refrigerated items*. Dawn ghandhom rati ta’ dazju differenti (108-109). Saret talba lill-impurtatur biex igib valuri separati ta’ dawn l-items biex ikun jista’ jinhadem id-dazju izda dina qatt ma waslet. Ghalhekk saret *post entry* u ntalbet l-ghola rata li kienet dik fuq l-ghamara.

“Il-konvenut isostni li hu impurta *refrigerating bar counter* bhala *item* shih u ghalkemm fih dekorazzjoni ma jistax jitqies bhala ghamara. Il-Qorti taqbel li l-oggetti impurtati jikkonsistu f’diversi units li flimkien jaghmlu entità wahda, u l-konvenut ma kienx impurta oggetti t’ghamara bhal *chair items* u li *units* wahedhom mill-*bar counter* ma jistghux jitqiesu bhala *items* ta’ ghamara. Konsegwentement l-oggetti impurtati mill-konvenut kellhom ikunu ezenti mid-dazju.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-attur illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tad-29 ta’ Ottubru, 1999 tigi reformata billi, filwaqt illi tigi konfermata fejn cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta bl-ispejjez kontra taghha, tigi reformata billi tithassar dik il-parti taghha li laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta bl-ispejjez kontra l-appellant, u minflok jintlaqghu it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjetà konvenuta appellata;

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta illi permezz taghhom, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi s-sentenza appellata tigi reformata billi tigi konfermata in kwantu laqghet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u

ghalhekk cahdet it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontrih u tigi revokata in kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar l-allegata preskrizzjoni ta' l-azzjoni u billi tintlaqa' anke din l-eccezzjoni tal-konvenut bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellant ghall-appell incidentali tas-socjetà konvenuta appellata illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet hekk:

"… li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha tikkonferma s-sentenza tad-29 t' Ottubru 1999 in kwantu din cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha, u bl-ispejjez ta' dan l-appell incidentali kontra taghha wkoll";

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, ladarba, permezz ta' l-appell incidentali taghha, is-socjetà konvenuta qed titlob illi s-sentenza appellata tigi revokata kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici avanzata mill-istess socjetà konvenuta, u peress illi l-appell principali ta' l-attur jirrigwarda l-meritu tat-talba attrici, huwa necessarju illi l-ewwel jigi trattat l-appell incidentali. Dana ghaliex, jekk l-appell incidentali huwa fondat, ma jkunx hemm lok illi jigi trattat l-appell principali;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tas-socjetà konvenuta kontra s-sentenza appellata, in kwantu din cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni illi ghadha kemm issemmiet, huwa illi t-terminu ta' sentejn minn meta beda jghaddi l-perijodu preskrittiv kellu jigi konsidrat illi beda jiddekorri fid-data illi fiha giet sdoganata l-merkanzija in kwistjoni u mhux minn data sussegwenti ghal dan l-avveniment, kif fil-fatt ikkonkludiet l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri qed tigi eccepita l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni ta' l-attur appellant a tenur tal-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 2149 tal-Kap. 16. Dan l-artikolu jiddisponi li l-azzjonijiet tal-Gvern ta' Malta, ghall-hlas ta' drittijiet, dazji jew taxxi ohra jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn;

L-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jiddisponi li "il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tigi ezecitata minghajr ma jittiehed qies ta' l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss." Huwa wkoll ta' rilevanza l-Artikolu 2128 tal-Kap. 16 illi jiddisponi dwar il-ksur tal-perjodu preskrittiv permezz ta' att gudizzjarju pprezentat fl-isem tas-sid jew tal-kreditur, innotifikat lill-parti li kontra taghha wiehed irid illi ma jhallix timxi l-preskrizzjoni, u illi minnu jkun jidher bic-car illi s-sid jew il-kreditur bi hsiebhom jzommu l-jedd taghhom;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-merkanzija in kwestjoni giet importata fit-3 ta' Marzu, 1989 wara l-hrug ta' licenzja rilaxxjata mid-Direttur tal-Kummerc fid-disgha (9) ta' Frar, 1989 (*Import Licence no. 712682* - fol. 54). Din il-merkanzija giet sdoganata minghajr il-hlas tad-dazju fuq dikjarazzjoni maghmula mill-importatur illi tali merkanzija 'ma thallasx dazju' (fol. 53) in kwantu kienet merkanzija ezenti mill-hlas ta' dazju *ai termini* tat-Tieni Skeda annessa ma' l-Att Dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'ittra tat-28 ta' April, 1989 l-attur talab lis-socjetà konvenuta (ghalkemm din giet indirizzata hazin bhala A & J Cassar Ent. Ltd) thallas is-somma ta' Lm6699.40 rappresentanti dazju fuq il-merkanzija importata minnha kalkolat bir-rata ta' 58.5% fuq il-valur ta' l-istess merkanzija, u cioè ta' Lm11,451.95,4, kif jirrizulta dikjarat fuq id-dokumenti ta' l-importazzjoni. Din l-ittra giet indikata bhala *Post Entry*. Qabel ma gew istitwiti dawn il-proceduri s-socjetà konvenuta giet interpellata sabiex

thallas l-imsemmija somma permezz ta' ittra ufficjali tat-3 ta' April, 1991. Billi l-merkanzija iddahlet Malta fit-3 ta' Marzu, 1989, is-socjetà konvenuta qed teccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu fuq imsemmi;

Dwar din l-eccezzjoni l-attur qed jikkontendi illi l-perjodu ta' sentejn imsemmi fl-Artikolu 2149 tal-Kap. 16 ghandu jibda jiddekorri mid-data meta harget il-*Post Entry* fuq imsemmija u mhux mid-data meta l-merkanzija ddahlet Malta, u dan billi, skond l-istess attur, din kienet id-data meta d-dazju sar dovut. Is-socjetà konvenuta, ghall-kuntrarju, qed issostni illi d-data rilevanti hija dik meta il-merkanzija iddahlet Malta billi kien dakinhar illi d-dazju kien dovut, jekk dan verament kien dovut, u, konsegwentement, meta gew istitwiti dawn il-proceduri il-pretensjoni ta' l-attur kienet già preskritta in kwantu l-ittra ufficjali interpellatorja ma kellha l-ebda effett stante illi giet prezentata tardivament;

Ikkunsidrat:

Illi l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 337 jaghmilha cara illi huwa d-dmir ta' l-attur illi, f'isem il-Gvern, jitlob u jigbor id-dazji ta' importazzjoni. Dan id-dazju ghandu jigi kalkolat a bazi ta' l-iskeda annessa ma' l-istess Att u, sakemm dik il-merkanzija ma tkunx giet dikjarata ezenti minn tali dazju jew ma jkunx sar depozitu jew inghatat garanzija ghall-hlas ta' l-istess dazju, id-dazju dovut ghandu jithallas qabel ma l-istess merkanzija tigi rilaxxjata f'idejn l-importatur;

Fil-kaz sotto ezami jidher illi fid-data illi ddahlet il-merkanzija hawn Malta l-attur kellu d-dokumentazzjoni kollha mehtiega sabiex jasal ghal decizjoni dwar jekk dik il-merkanzija kienitx soggetta ghad-dazju ta' importazzjoni u, f' kaz affermattiv, liema rata ta' dazju kienet tapplika. Huwa minnu illi fil-perjodu ta' qabel ma dahlet din il-merkanzija hawn Malta, u sahansitra anke wara illi sehh dan, kien hemm pendenti applikazzjoni tas-socjetà konvenuta sabiex tinghata permess timporta l-merkanzija bhala ezenti mill-hlas ta' dazju, biss din ic-cirkostanza ma

kienitx konsiderazzjoni ghall-attur dwar jekk jekk kienx hemm obbligu ta’ hlas ta’ dazju stante illi, fid-data illi huwa hareg il-*Post Entry*, ma kienx ghadu hareg il-permess ghall-ezenzjoni u, inoltre, jidher illi fil-perjodu ta’ bejn meta dahlet il-merkanzija u l-hrug tal-*Post Entry* ma kien hemm ebda kambjament illi seta’ wassal lill-attur sabiex jirrevedi d-decizjoni tieghu originali. Ghalhekk, dina l-Qorti tifhem illi d-data vera meta d-dazju kien dovut kienet id-data meta l-merkanzija ddahlet Malta u mhux data sussegwenti, kif qed jissottometti l-attur. Konsegwentement, il-preskrizzjoni estintiva kontemplata fl-Artikolu 2149(e) tal-Kap. 16 bdiet tiddekorri mit-3 ta’ Marzu, 1989 kif previst fl-Artikolu 2137 ta’ l-istess Kap. 16 b’mod illi meta giet prezentata l-ittra ufficjali interpellatorja fit-3 ta’ April, 1991 l-azzjoni ta’ l-attur kienet già estinta. Isegwi illi l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta huwa gustifikat;

Ikkunsidrat:

Illi, bhala konsegwenza tal-konkluzjoni ta’ dina l-Qorti illi l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta huwa gustifikat, trid necessarjament tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata illi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici sollevata mis-socjetà konvenuta u tigi akkolta l-istess eccezzjoni. L-akkoljiment ta’ din l-eccezzjoni, imbaghad, igib bhala konsengwenza ic-cahda tat-tieni (2) u tat-tielet (3) talbiet attrici avanzati fl-att ta’ citazzjoni minghajr, però, ma tigi konsidrata it-tieni (2) eccezzjoni tas-socjetà konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi konsegwenza ohra ta’ l-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija illi l-appell interpost mill-attur - illi permezz tieghu, kif già inghad, l-attur qed jitlob illi s-sentenza appellata tigi konfermata kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u riformata billi tithassar dik il-parti taghha illi laqghet it-tieni eccezzjoni tas-socjetà konvenuta u minflok jintlaqghu it-talbiet attrici - ma jistax jigi milqugh;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell principali ta’ l-attur billi tichdu u billi tilqa’ l-appell incidentali tas-socjetà konvenuta, u dana billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:
1. tirrevokaha kwantu cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta (dik tal-preskrizzjoni) spejjez ghas-socjetà konvenuta, u minflok tilqa’ l-istess eccezzjoni bl-ispejjes kontra l-attur;
2. ghar-raguni imsemmija hawn fuq, jigifieri bhala konsegwenza ta’ l-akkoljiment ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (u mhux ghar-ragunijiet migjuba fis-sentenza appellata), tikkonfermaha kwantu cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-attur;

Tordna illi l-ispejjes ta’ din l-istanza, kemm dawk ta’ l-appell principali kif ukoll dawk ta’ l-appell incidentali, jigu sopportati kollha mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------